# KUNGRESS INTERNAZZJONALI F'BONN GHALL-ISTUDJU TAT-TESTMENT IL-QADIM.

Għadni kemm ġejt minn Bonn, il-kapitali tal-Ġermanja Federali, fejn mort biex nieħu parti f'Kungress tal-Għaqda Internazzjonali għall-istudju tat-Testment il-Qadim, li dam mis-26 sal-31 ta' Awissu. Din il-Għaqda twaqqfet f'Leyden fis-sena 1950 u kellha l-ewwel laqgħa f'Kopenhagen fis-sena 1953, li fiha kont preżenti bħala membru tal-Għaqda It-tieni Kungress sar fi Strasburg fl-1956, it-tielet f'Oxford u r-raba f'Bonn. Kont preżenti fihom kollha. Kattoliċi u Protestanti jaħdmu flimkien id f'id f'għaqda ta' ħbiberija għall-ġid tal-istudji. Saru 20 kunferenza. Fetaħ il-kunferenzi l-Prof. W. Baumgartner ta' Basilea b'tifkira tal-Prof. H. Gunkel li dis-sena jagħlaq mitt sena minn twelidu. Il-Prof. Gunkel kien bniedem għaref ħafna, li kiteb ħafna u li l-ħedma tiegħu għadha tinħass sal-lum fl-istudi tat-Testment il-Qadim. Imbagħad tkellem il-Prof. D. N. Freedman mill-Istati Uniti fuq il-ġemgħa tal-kotba tat-Testment il-Qadim. Tkellem l-aktar fuq il-kotba tal-Liġi u tal-Profeti. Qal li fi żmien l-eżilju kien hemm qawmien kbir ta' letteratura reliġjuża nazzjonali. Dak iż-żmien kienu miġburin il-kotba tal-Liġi u l-biċċa l-kbira tal-Profeti. Il-bqija tal-Profeti kienu miġburin wara l-eżilju. Patri J. D. Barthelemy li qiegħed Friburg fl-Isvizzra tkellem fuq xi tibdiliet u tiswijiet żgħar fit-test tal-Bibbja magħmulin mill-għorrief Lhud qabel Kristu. A. Lauha minn Helsinki, Finlandja, sem-megħalna l-eku tal-miraklu tal-Baħar l-Aħmar fil-letteratura tal-Lhud. Il-Prof. H. Wildberger ta' Zurik fl-Isvizzra wriena kif il-profeta Isaija fehem l-istorja taż-żmenijiet qodma. U l-Prof. D. D. Anderson ta' Edinburgh tkelem fuq il-kapitli 24-27 ta' Isaija li huma fost l-iktar imħab-blin fil-ktieb kollu. Il-Prof C. H. Gordon mill-Amerika semma xi skrizzjonijiet Feniċi miktubin bil-Grieg u misjubin m'ilux fil-Greċja li juru t-tixrid tal-kultura Feniċja fi żmien il-bronż. G. E. Weil minn Strasburg tkellem fuq l-edizzjoni ġdida tal-Masora. Patri R. Tournay ta' Ġerusalem qabbel is-Salm 45 u l-Għanja tal-Għanjiet biex juri li t-tnejn huma allegorija tal-Messija. Patri Roland Murphy minn Washington tkellem fuq is-Salmi li jgħidulhom "is-Salmi tal-Għerf" u qalilna kif jingħarfu u kif jitqassmu. A. S. v. d. Woude, Olandiż, tkellem fuq manuskritt mis-jub fil-Għar XI ta' Qumran. M. Mansoor, Amerikan, ipprova permezz tal-manuskritti ta' Qumran li t-test tal-Bibbja huwa sħiħ u bla taħsir. E. Auerbach minn Ħajfa tkellem fuq is-setgħa tal-qassisin fiż-żmien qadim ta' Israel meta kienu jiffurmaw klassi aristokratika. Il-Prof. A. Caquot tkellem fuq il-profezija ta' Natan lil David li naqrawha fit-Tieni Ktieb ta' Samwel 7, 12-16 u l-eku tagħha fil-poeżija reliġjuża ta' wara. G. Rinaldi, Taljan, uriena l-ema kienu l-kondizjonijiet politiċi tas-saltna ta' Ġuda fi żmien is-sultan Għużżija. Menahem Haran, Lhudi minn Ġerusalem, fis-ser kif inhuma maħdumin il-kapitli 04-48 tal-ktieb ta' Isaija. Fl-aħħar A. Jepsen wera l-importanza li jkollna test tajjeb kemm jista' jkun biex nistgħu nifhmu tajjeb il-kotba mqaddsa. Ma rridx ninsa nsemmi l-Prof. Masao Sekine minn Tokjo li tana xi konsiderazzjonijiet kif kienu jifhmu ż-żmien il-Lhud. U anqas ma rrid inħalli barra l-Prof Kurt Galling ta' Goettingen li għaddielna s'egħa li ma rajniehiex minuta b'kunferenza bis-*slides* fuq il-monumenti ta' żmien Persjan-Grieg minn Amrit sa Makmix.

Minn din id-daqqa ta' għajn ħafifa

jidher li s-suġġetti kienu kollha moderni, interrssanti u ħajjin. Nistgħu nqassmuhom fi tliet taqsimiet: Test u Qumran, Eseġesi jew tifsir, Storja, li huma t-tliet friegħi ewlenin talistudju tat-Testment il-Qadim. Ma għandniex xi ngħidu, l-kunferenzi kienu kollha ta' *standard* għoli u kollha tefgħu xi dawl ġdid fuq xi punt moħbi jew mudlam ta' xi kwistjoni importanti. Minn dan naraw kemm tiswa l-għaqda ħabiba u l-ħedma għalenija tal-għorrief, kien x'kien il-kulur tagħhom. Il-għaqda ġġib il-ftehim, il-firda tnissel u tkabbar il-ġlied.

P. P. SAYDON

# IL-ĠISEM . . . FIL-QAWMA TAL-IMWIET

Fl-Evanġelju ta' san Mattew, kap V versi 29 u 30, hemm miktub li Ġesù qal, li, lil dak li jkûn, jaqbillu "jeqred" kull sehem minn ġismu li jiġbdu għad-dnùb; għax aħjar li sehem wieħed mill-ġisem "jinqered", inkella l-ġisem kollu jkùn mitfûgħ fl-infern. U dawn iż-żewġ versi jinsâbu mill-ġdid f'dak l-Evanġelju n-nifsu, kap XVIII, versi 8 u 9, bi żjieda ta' min isemmiha. Hemmhekk miktûb li Ġesù qal dal-kliem: "Jekk idek jew siequek tiġbdek għad-dnûb, aqtagħha; u jekk għajnek tiġbdek għad-dnûb, aqlagħha. Aħjar *tidħol fil-ħajja* b'id waħda jew b'sieq waħda, jew b'għajn waħda, inkella jkollok tnejn u tkûn mixħût fin-nar tal-infern". Tarġa', dan ukoll, bi kliem wieħed, jinsâb miktûb fl-Evanġelju ta' san Mark, kap IX, versi 42, 44, u 46. Imma dawn il-versi huma mħollija barra għal kollox minn san Luqa (1).

Il-kliem: "Tidħol fil-ħajja" (u san Mark fil-vers 46 għandu: "Tidħol f'Melkût Alla"), għandu jiftiehem *tidħol fil-ħajja l-oħra*, fil-ħajja ta' dejjem, jiġifieri fil-Ġenna. Għax f'dil-ħajja fejn ninsâbu issa, ma tistâx tgħîd "tidħol", għax issa dħalna, u ninsâbu fiha. Imma meta tifli ftit dal-kliem u taħseb fûqu, jiġik li ssaqsi lilek in-nifsek: "Tgħid Ġesù qal hekk ta' bilħaqq? Jew fehmuha hekk, u kitbuha hekk xi kopisti bikrija, u baqa' miktûb hekk sal-lûm?"

Għax kieku Ġesù qâl hekk tassew ifisser li saħansitra l-Insâra t-tajba, dawk li jgħîxu fûq it-tagħlim tiegħu, fil-Ġenna, wara l-Qawma mill-Imwiet, jibqgħu b'dawk in-nuqqasijiet tal-ġisem li kellhom f'dîn id-dinja; mîn ikûn agħma, jibqa' agħma; mîn ikûn trûx, jibqa' trûx; mîn ikun bla jdejn jew bla saqajn jibqa' mingħajrhom ukoll. Mela, Michael Sibole, tal-Amerka, u Mary-Rose Bartolo, ta' Malta (2), li qalgħulhom għajnejhom it-tobba, u mîn jâf kemm u kemm oħrajn mad-dinja, sa jibqgħu għall-Eternità mingħajr għajnejn? U Helen Keller, miskîna dik l-Amerikâna, sa tibqa' agħmja, trûxa u mûta għall-Eternità wkoll? Jekk inhu hekk, mela, il-Qawma tal-Imwiet ma hix sa tkun sħiħa; għax m'hux ta' kull ħadd il-ġisem kollu jieħu l-ħajja mill-ġdîd; ta' wħûd biċċa minnu biss: ir-râs, is-sider u ż-żaqq, jiġifieri dik il-biċċa li tkûn mietet l-aħħar. Ma jidherx li għandu jkûn hekk.

Imma l-lûm mifhum tajjeb minnies il-għorrief li fl-Evanġelju hemm kliem li m'hux miktûb kif qâlu Ġesù sewwa. Hemm kliem miżjud, kliem nieqes u kliem mibdûl. Drâbi mîn kiteb għamel dân bla ma ried, għax fehem ħażin; u drâbi għamlu bil-għân, imma dejjem b'fehma tajba, biex, minn għalih isebbaħ kliem Ġesù, jew jagħmlu jiftiehem aħjar. *Imma kliem Ġesù ħadd ma jista' jagħmlu aħjar minn kif qâlu Huwa.* Għal hekk, bil-fehma tajba tagħhom kollha, dawk il-kittieba, kienu jagħmlu wisq aħjar kieku kliem Ġesù ħallewh